



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

11561/22

LIMITE

CORLX 709
CFSP/PESC 1028
CSDP/PSDC 495
CIVCOM 149

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515
li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1), 42 (4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515¹.
- (2) Jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (3) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1515 tad-19 ta' Ottubru 2020 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2016/2382 (OJ L 348, 20.10.2020, p. 1).

Artikolu 1

L-Artikolu 16(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-KESD matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 għandu jkun ta' EUR 2 417 423.89.

L-ammont ta' referenza finanzjarja biex ikopri n-nefqa tal-KESD għal perjodi sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.'

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President